# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
# CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 213 – It-Tnejn, 17 ta' Novembru, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo (sas-6:30pm)

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 212 jkunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

# 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 *Ground* tal-*Football*

Is-Sindku qal li kien għadu qed jistenna proposti konkreti mid-diriġenti tas-*Siggiewi Football Club.*

## 2.2 Bankini

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna l-istima mingħand il-kuntrattur. Is-Sindku qal li għandna niktbu lill-kuntrattur u naraw jekk għadux interessat li jattwa l-kuntratt.

Il-Kunsillir Dr Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-aħħar jiem kellu kommunikazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet fejn dawn offrew li jagħmlu xi xogħol ta' bankini skont il-ftehim li kellna qabel magħhom.

Is-Sindku qal li fil-futur qarib kien beħsiebu jressaq pjan komprensiv biex il-bankini kollha tal-qalba tar-raħal, barra l-Pjazza, isiru kollha l-istess u għalhekk jintagħżel kuntrattur biex iwettaq il-proġett fuq medda ta' sentejn. Huwa kompla jgħid li għall-kumplament tat-toroq għandna nkomplu nużaw jew l-Asfaltar jew il-ħaddiema tal-Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma' li skont il-lista tal-ilmenti, tliet bankini li għandhom bżonn jinbidlu huma parti minn Triq Ramija quddiem il-*flats*, parti minn Triq Dun Manwel Zammit u Triq Dun Anton Vella.

Is-Sindku ippropona li għandna napprovaw dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.3 Fanali dekorattivi

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport (anness) tal-fanali dekorattivi fil-qalba tal-lokalità u li għadhom ma ġewx mibdula f'lampi dekorattivi. L-ammont tagħhom jitla' għal 86. Huwa m'eskludiex li dan in-numru jista' jitla' bi ftit aktar.

Is-Sindku qal li din il-materja għandha tiġi diskussa mill-ġdid meta nkunu se nagħmlu l-pjanijiet finanazjarji u naraw jekk dawn il-lampi għandhomx jinbidlu kollha fuq medda ta' sentejn. Sadanittanti jekk jibqa' bilanċ mill-flus tal-UIF, għandna nużawh immedjatament għal dawn il-fanali.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**2.4 Diskussjoni dwar il-Festa ta' San Nikola 2009**

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna niddedikaw seduta sħiħa kollha għal din il-materja. Is-Sindku qal li għandha tidħol fl-aġenda tas-seduta li jmiss u jekk ix-xogħol tas-seduta ma jitlestiex, jitkompla f'seduta oħra fix-xahar ta' Diċembru.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.5 Ftuħ tal-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt**

Is-Sindku qal li l-Bord tal-Għażla se jiltaqa' fil-jiem li ġejjin biex tittieħed deċiżjoni finali.

**2.6 *Bus shelters***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab stima lill-erba' kuntratturi u kien irċieva stima waħda biss. Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu l-offerta tas-sur Mario Mallia (kopja tal-offerta annessa) għall-prezz ta' €3,970.00 kull *bus shelter*. Huwa qal li għandna nagħmlu l-permessi tal-MEPA u napplikaw biex dawn jiġu kopruti mill-UIF.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.7 Talbiet fi Triq il-Qiegħa u Triq San Ġakbu**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna għadna qed nistennew l-eżitu tal-ADT.

**2.8 Diffikultà fi Triq it-Tank**

Is-Sindku qal li ġie infurmat li x-xogħlijiet se jsiru mill-ADT u talab lis-Segretarju biex isegwi l-każ.

**2.9 Plots vojta**

Il-Viċi-Sindku qal li kien għadu qed jivverifika mal-MEPA dwar il-kwistjoni tal-*boundary walls.*

**2.10 Zebra Crossing ħdejn il-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-materja għad trid tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill.

**2.11 Talba għal *one way system* fi Triq il-Girgenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna t-tweġiba tal-ADT.

**2.12 Kollezzjoni tal-iskart imħallat u ħruġ ta' tender għal provvista ta' boroż griżi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt mal-Green Mt kien ġie iffirmat minnu u mis-Sindku u mir-rappreżentanti tal-imsemmija kumpanija. B'effett immedjat huma bdew jieħdu ħsieb il-kollezzjoni tal-iskart riċiklat li tinġanar it-Tlieta u qed jistennew id-direzzjoni minn għandna meta se jiżiedu l-kollezzjoni b'jum ġifieri għal jum tal-Ġimgħa.

Huwa kompla jgħid li l-Ħamis 26 ta' Novembru se ssir laqgħa għas-sidien u l-operaturi tal-ħwienet u n-negozji u li se tkun indirizzata minn rappreżentant tal-GRTU.

Is-Sindku qal li għandna noħorġu tender għall-boroż għall-iskart riċiklat.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.13 Pedestrian Lights fi Triq Mons. M Azzopardi/Triq l-Andar

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu jistenna l-parir tal-Perit tal-Kunsill.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

### 3.2 Rapport Finanzjarju April – Settembru 2009

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva dan ir-rapport mingħand l-Account propju waqt il-ħin tas-seduta. Is-Sindku ippropona li dawn għandhom jiġu iċċirkolati lill-Kunsilliera u jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. KUNTRATTI

### 4.1 Aġudikazzjoni Kuntratt Street Sweeping & Cleaning LCS 28/09

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab l-informazzjoni imsemmija lill-offerenti u poġġa fuq il-mejda l-ittri tagħhom.

Wara li dawn ġew eżaminati mill-Kunsilliera, is-Sindku qal li din l-informazzjoni mhijiex ċara biżżejjed biex twassal għal deċiżjoni xierqa u għalhekk ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv iħejji ittra mill-ġdid u l-offerenti jintalbu li jimlew tabella biex l-informazzjoni tkun aktar ċara. Sadanittant, jekk hemm il-ħtieġa, issir estensjoni tal-kuntratt preżenti sakemm tittieħed id-deċiżjoni f'seduta oħra.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. MOZZJONIJIET

## 5.1 Mozzjoni dwar kaxxi tal-Parkeġġ fi Triq San Ġwann u Triq l-Iskola

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona mozzjoni li taqra:-

"Billi jiriżulta li l-Kunsill qed jaslulu diversi ilmenti dwar problemi ta' parkeġġ fil-parti t'isfel ta' Triq San Ġwann, u fi Triq l-Iskola bejn Ħal Niklusi u Triq l-Imdina;

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2009, jirriżolvi li jsiru l-kaxxi tal-parkeġġ skont ir-regolamenti tal-Awtorità dwar it-Trasport (ADT) u skond pjanti mehmuża ma' din il-mozzjoni." (annessi)

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Rita Psaila.

Il-Viċi-Sindku qal li filwaqt li jaqbel mal-mozzjoni ippropona li minflok kaxxi bojod isiru sinjali bojod kontinwi biex b'hekk jintrebaħ aktar spazju ta' parkegġ.

Il-Kunsillier Nicholas Cassa qal li ma jsibx oġġezzjoni għal din il-proposta.

Il-Kunsill irriżolva favur il-mozzjoni b'mod unanimu.

## 5.2.1 Mozzjoni dwar Żvilupp f'sit fi Triq Santa Margerita, Triq Pawlu VI u Triq il-Għid

Il-Viċi-Sindku qal li xtaq iressaq mozzjoni dwar din il-materja. Dan wara li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv eżaminaw il-*file* tal-MEPA tal-imsemmi proġett.

"Billi fil-preżent jinsab għaddej żvilupp f'sit li huwa mdawwar minn diversi toroq fis-Siġġiewi u ċjoè Triq Santa Margerita, Triq Pawlu VI, Triq Ramija u Triq il-Għid;

"U billi l-imsemmi żvilupp jinvolvi qtugħ ta' kwantità kbira ta' blat b'mod illi dan l-istess blat la darba mqatta' jista' jintuża fl-istess żvilupp jew fi proġetti oħra ta' kostruzzjoni;

"U billi l-qtugħ ta' dan il-blat qiegħed ikun il-kawża ta' ammont kbir ta' trab li qiegħed jitħalla fl-arja bi ħsara kbira għas-saħħa tal-persuni li joqgħodu viċin is-sit u qiegħed ukoll ikun ta' inkonvenjent kbir għall-istess persuni;

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009;

"Jirriżolvi li minnufih jitlob lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tinvestiga l-qtugħ ta' blat mill-imsemmi sit fis-Siġġiewi u tistabilixxi jekk dan il-proċess huwiex wieħed skont il-liġijiet u r-regolamenti li jinsabu fis-seħħ f'Malta; u,

"Jirriżolvi li jitlob lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiegħu dawk l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex minnufih tobbliga lill-iżviluppatur jiżgura li ma jitħalla ebda trab jew materjal ieħor fl-arja matul l-iżvilupp tas-sit hawn fuq indikat, filwaqt li tistabbilixxi data sa meta l-istess żviluppatur għandu jtemm il-proċess ta' qtugħ ta' blat.

"Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubblici u Artijiet, Dr Jason Azzopardi u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard. Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph Sammut

Il-Viċi-Sindku qal li hu ma jsib ebda oġġezzjoni għal mod kif qed jitqatta' l-blat imma għal fatt li dan qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti tal-madwar.

Il-Kunsill irriżolva favur il-mozzjoni b'mod unanimu.

## 5.3 Mozzjoni dwar servizz ta' Perit

Il-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina ressaq din il-mozzjoni li taqra:-

"Billi l-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku mlaqqa' nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru 2009 irriżolva li sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu għandu minnufih jikseb is-servizz ta' Perit li l-ħidma tiegħu tkun iddedikata b'mod esklussiv għat-twettiq tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009:

"Jirriżolvi li minnufih joħroġ sejħa pubblika għal offerti għall-għoti ta' servizz ta' perit lill-Kumitat dwar il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku b'dan illi fost il-kundizzjonijiet tal-offerta għandhom ikunu inklużi:

i. Esperjenza u/jew speċjalizzazzjoni fir-restawr u l-adattament ta' bini storiku sabiex jintuża għal skop pubbliku; u

ii. Esperjenza fit-tħejjija ta' dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jinkiseb finanzjament mill-Gvern Ċentrali u/jew mill-Unjoni Ewropea;

"Jirriżolvi wkoll li l-imsemmija sejħa pubblika għall-offerti għandha tkun miftuħa kemm għal periti individwali kif ukoll għal-soċjetajiet ta' periti;

"Kopja ta' din il-mozzjoni approvata għandha minnufuħ titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-mozzjoni hija issekondata mill-Kunsilliera Joseph Sammut u Dr Mark A Vassallo.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li t-tliet kunsilliera Laburisti ma jaqblux ma' din il-mozzjoni minħabba d-diversi r-raġunijiet espressi f'seduti preċedenti u kompla jgħid li xtaq spjega dwar l-avviż li twaħħal mas-sit fi Triq Dun Manwel Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dr Nikola Zammit li jirrigwardja l-istess żvilupp li kien se jsir fl-2006. Barra minn dan fid-diskors tal-budget intqal li se jsir Day Care Centre fis-Siġġiewi.

Is-Sindku qal li dan imur lil hinn mill-kuntest tal-mozzjoni u għalhekk sostna li l-Kunsill għandu jgħaddi biex jieħu vot dwar il-mozzjoni.

Il-Kunsillier Cassar qal li kien se jirriżerva d-dritt li jitlob diskussjoni dwar din il-materja fi stadju ieħor.

Voti Favur: (4) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsilliera Joseph Sammut u Dr Mark Vassallo.

Vota Kontra: (3) Il-Kunsilliera Nicholas Cassar, Jesmond Tanti u Rita Psaila.

Il-mozzjoni kienet approvata.

**5.4 Mozzjoni dwar tisbiħ ħdejn Monument Patri Ġużè Delia sj**

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ressaq mozzjoni li taqra:

"Billi nhar il-Ħadd 1 ta' Novembru 2009 ġie inawgurat il-monument f'ġieħ Patri Ġużè Delia S.J. li jinsab fi Triq l-Iskola, is-Siġġiewi;

"U billi huwa xieraq li ż-żona fejn jinsab l-imsemmi monument fi Triq l-Iskola, is-Siġġiewi, għandha tkompli tissebbaħ sabiex l-istess monument jitgawda aktar minn kulħadd;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009:

"Jirriżolvi li jordna u jinstalla żewġ reċipjenti kbar tal-fjuri li magħhom ikollhom post fejn persuni jistgħu joqogħdu bilqegħda, b'dan illi l-imsemmija żewġ reċipjenti għandhom jitqegħdu waħda fuq kull ġenb tal-monument f'ġieħ Patri Ġuże Delia S.J. fi Triq l-Iskola, is-Siġġiewi.

"Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Għaqda Kulturali Siġġiewi, lill-Prinċipal tal-Kulleġġ Sant'Injazju – is-Sur Horace Caruana, lill-Kap tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi – is-Sinj. Jane Axisa, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u tiġi ppubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsill irriżolva favor b'mod unanimu.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

### 6.1 Bdil tal-irħam monument Professur Dr Nikola Zammit

Il-Viċi-Sindku qal li hemm irħama mkissira mal-monument tal-Professur Nikola Zammit u ippropona li tissewwa.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill irriżolva favur.

### 6.2 Rigal lill-ispeaker Dr Louis Galea

Il-Viċi-Sindku qal li waqt laqgħa tal-kumitat *ad hoc* dwar it-twaqqif tal-monument ta' Patri Delia SJ, saret evalwazzjoni tal-programm tal-inawgurazzjoni u sar suġġeriment li jingħata rigal lill-ispeaker Dr Louis Galea għad-diskors li huwa għamel waqt l-istess inawgurazzjoni. Huwa kompla jgħid li ftiehem mal-brunżar li ssir replika tal-plakka li hemm imwaħħla mal-monument għall-prezz ta' €165.

Is-Sindku issekonda l-proposta u għadda għall-vot, bl-eżitu jkun:

Voti favur (3) Is-Sindku Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina u Joseph Sammut
Vot kontra (1) Rita Psaila
Astensjonijiet (2) Nicholas Cassar u Jesmond Tanti

### 6.3 Ħarġa għall-Familja

Il-Kunsilliera Rita Psaila ippproponiet li s-sotto-kumitat Familja jorganizza ħarġa għall-familja f'waħda mill-ġranet ta' Diċembru.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

### 6.4 Talbiet għall-mirja u bozoz

Il-Kunsillier Nicholas Cassa qal li hemm bżonn issir bozza fi Triq San Ġwann, bozza fi Triq ir-Rebbiegħa u mera qrib il-Madonna ta' Ħal Xluq.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.5 Talba mid-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club

Is-Sindku talab li tiġi sospiża s-seduta biex ikunu jistgħu jitkellmu d-diriġenti tas-*Siggiewi Football Club.*

Meta tkompliet is-Seduta, is-Sindku qal li s-*Siggiewi Football Club* (SFC) qed jitolbu madwar €44,000 biex isiru 8 arbli tad-dawl mal-grawnd. Dan għaliex l-ispejjeż l-oħra li jlaħħqu madwar €220,000 se jiġu koperti mill-MFA, mill-*Good Causes Fund* u mill-istess Club.

Huwa kompla jgħid li t-talba li qed issir mis-SFC hija li l-Kunsill jagħti din is-somma lis-SFC, u jibni l-ftehim tiegħu fuq ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali ta' M'Xlokk u l-Clubb tal-Football tal-istess lokalità.

Is-Sindku saħaq li dan huwa kompletament differenti mill-*understanding* li kien hemm s'issa bejn is-SFC u l-Kunsill, iġifieri li jkun hemm *partnership* bejn iż-żewġ entitajiet fejn il-Kunsill idaħħal persentaġġ mid-dħul iġġenerat, skont il-persentaġġ ta' l-ammont li jkun ħareġ inizjalment.

Huwa iċċirkola kopja tal-ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' M'Xlokk u l-Clubb tal-Football ta' M''Xlokk u talab lill-Kunsilliera biex jeżaminawh. Sadanittant se jitlob id-direzzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jivverifika jekk jistax isir dak li qed jitlob is-SFC.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2009** fil-5:30pm **.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2009